



Dokument ta' sessjoni

B9-0411/2023

2.10.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rendikont tal-progress tal-Moldova fit-triq lejn l-UE
(2023/2838(RSP))

Siegfried Mureşan, Andrzej Halicki, Michael Gahler, Rasa Juknevičienė, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Andrius Kubilius, Isabel Wiseler-Lima, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Daniel Buda, Cristian-Silviu Buşoi, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Danuta Maria Hübner, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, David Lega, Miriam Lexmann, Lukas Mandl, Marian-Jean Marinescu, Dan-Ştefan Motreanu, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław Sikorski, Eugen Tomac, Loránt Vincze, Iuliu Winkler
f'isem il-Grupp PPE

B9-0411/2023

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rendikont tal-progress tal-Moldova fit-triq lejn l-UE
(2023/2838(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna u r-Russja,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra¹, li jinkludi Żona ta' Kummerċ Fieles Approfondita u Komprensiva u li daħal fis-seħħ fl-intier tiegħu fl-1 ta' Lulju 2016,
 - wara li kkunsidra l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova għas-sħubija fl-UE tat-3 ta' Marzu 2022, u l-għoti sussegwenti ta' status ta' kandidat mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022, abbażi ta' valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni u f'konformità mal-fehmiet espressi mill-Parlament,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea (COM(2022)0406), il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-applikazzjonijiet għas-sħubija tal-Ukrajna, tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Georgia, ir-rapport analitiku tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2023 dwar l-allinjament tal-Moldova mal-acquis tal-UE (SWD(2023)0032), dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tas-6 ta' Frar 2023 bit-titolu "Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Repubblika tal-Moldova" (SWD(2023)0041),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta wara s-seba' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova tas-7 ta' Frar 2023 u d-dikjarazzjoni finali tat-13-il laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova tat-23 ta' Marzu 2023,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023 u tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2023,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-Repubblika tal-Moldova kkundannat il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna mill-bidu nett u appoġġjat l-integrità territorjali tal-Ukrajna; billi r-Repubblika tal-Moldova ġiet affettwata b'mod sproporzjonat mill-gwerra, peress li kellha tlaħħaq ma' influż ta' aktar minn 940 000 rifuġjat Ukren – proporzjonalment aktar minn kwalunkwe pajjiż ieħor – b'aktar minn 118 000 minnhom għadhom fil-pajjiż, filwaqt li l-ekonomija Moldovana ġiet affettwata serjament mill-kummerċ mitluf, tnaqqis fl-investiment barrani, u żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tat-trasport; billi l-Federazzjoni Russa, f'kooperazzjoni ma' atturi domestiċi sponsorjati mir-Russja, xprunat u utilizzat

¹ ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

l-inċertezza ekonomika li rriżultat biex tiddelegittimizza l-politiki pro-Ewropej tal-Gvern Moldovan u trawwem oppożizzjoni għalihom;

- B. billi r-Russja użat l-esportazzjonijiet tal-gass tagħha bħala għodda biex tagħmel pressjoni fuq il-Gvern Moldovan, inkluż fuq l-orjentazzjoni pro-Ewropea tiegħu, billi ħolqot artifiċjalment kriżi tal-provvista mill-2021; billi l-użu tal-enerġija mir-Russja bħala arma kompli jesponi l-fraġilità tas-settur tal-enerġija Moldovan, filwaqt li l-konnessjonijiet tal-pajpiż mas-suq u l-mekkaniżmi tal-gass u tal-elettriku tal-UE għenuh jindirizza l-kriżi; billi l-prezzijiet għolja tal-enerġija wasslu għal żieda ta' 30 % fl-inflazzjoni u l-output ekonomiku Moldovan naqas b'5,9 % sena wara sena f'termini reali fl-2022; billi filwaqt li r-Repubblika tal-Moldova ddiversifikat il-provvisti tal-gass naturali tagħha lil hinn mir-Russja, il-provvista tal-elettriku tagħha tibqa' fil-biċċa l-kbira dipendenti fuq l-impjant tal-enerġija ta' Cuciurgan li huwa proprjetà Russa fir-reġjun tat-Transnistria;
- C. billi l-Federazzjoni Russa ilha tuża l-provokazzjoni, id-diżinformazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u mezzi ibridi oħra biex timmina l-istabbiltà u s-sovranità tar-Repubblika tal-Moldova; billi f'dawn l-aħħar snin, ir-Repubblika tal-Moldova kienet qed tiffaċċja żieda fid-diżinformazzjoni minn sorsi u mezzi tal-media Russi u pro-Russi; billi l-attivitajiet sovversivi tar-Russja fl-ispazju tal-informazzjoni Moldovan ifittxu wkoll li jimminaw l-appoġġ popolari mifrux għall-Ukreni spostati temporanjament u għall-UE, jorbtu l-forzi Ukreni fil-fruntiera tan-Nofsinhar, u jrawmu d-destabilizzazzjoni; billi r-Russja ħadet ukoll miżuri attivi biex tistabilixxi u tippromwovi organizzazzjonijiet ta' faċċata moħbija bħala organizzazzjonijiet mhux governattivi u "ċentri kulturali", tistabilixxi kostitwenti politiċi u soċjetali qawwija favur ir-Russja u tirritorna lir-Repubblika tal-Moldova għal Stat ta' dipendenza fuq l-idrokarburi Russi; billi uffiċjali Russi sostnew ripetutament u b'mod falz li l-popolazzjoni li titkellem ir-Russu fir-Repubblika tal-Moldova hija oppressa;
- D. billi l-missili Russi mmirati lejn l-Ukrajna taru fuq it-territorju tar-Repubblika tal-Moldova f'diversi okkażjonijiet, bi ksur ċar tas-sovranità tal-Moldova, u f'diversi okkażjonijiet fdalijiet tal-missili Russi waqgħu fit-territorju Moldovan, u kkawżaw ħsara u pperikolaw il-ħajja tal-popolazzjoni ċivili; billi s-sorveljanza tal-ajru u d-difiża tal-Moldova għandhom bżonn urġenti ta' investiment u modernizzazzjoni u l-Gvern Moldovan talab lis-sħab tal-Punent tiegħu għal sistemi ta' difiża tal-ajru;
- E. billi fit-28 ta' April 2023, il-Kunsill iddeċieda li jstabilixxi reġim ġdid ta' sanzjonijiet, fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova, immirati lejn dawk li jappoġġjaw jew jimplementaw azzjonijiet li jimminaw jew jheddu s-sovranità, l-indipendenza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-pajpiż;
- F. billi d-demokrazija tar-Repubblika tal-Moldova wriet ir-reżiljenza tagħha quddiem id-diżinformazzjoni u l-propaganda Russi matul it-tibdil reċenti tal-gvern minkejja ż-żieda fl-attività sovversiva Russa u sponsorjata mir-Russja; billi minkejja dawn it-tentattivi kollha ta' destabilizzazzjoni, il-poplu u t-tmexxija Moldovani baqgħu determinati li jsegwu t-triq pro-Ewropea li għażlu;
- G. billi r-Repubblika tal-Moldova ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha biex tissieħeb fl-UE fit-3 ta' Marzu 2022, li tixhed id-determinazzjoni tal-awtoritajiet u ċ-ċittadini

Moldovani biex imexxu 'l quddiem l-integrazzjoni Ewropea tal-Moldova; billi r-
Repubblika tal-Moldova issa hija pajjiż kandidat għas-sħubija fl-UE;

- H. billi fit-22 ta' Ġunju 2023, Olivér Várhelyi, il-Kummissarju għat-Tkabir, ipprova aġġornament orali lill-Kunsill dwar il-progress tal-Moldova, li matulu kkonkluda li l-Moldova lestiet tliet passi mid-disa' passi deskritti mill-Kummissjoni (billi indirizzat in-nuqqasijiet identifikati mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE u mill-Kummissjoni ta' Venezja dwar ir-riforma ġudizzjarja u r-riformi tal-kodiċi elettorali, billi tejbet l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-teħid tad-deċizzjonijiet, u billi saħħet il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli, u billi saħħet l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa); billi sar progress tajjeb fi tliet oqsma: ir-riforma tal-ġustizzja, id-deoligarizzazzjoni u r-riformi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; billi sar xi progress fl-isforzi kontra l-korruzzjoni, fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika;
- I. billi minn Ottubru 2021 l-UE pprovdiet lir-Repubblika tal-Moldova b'total ta' aktar minn EUR 1,2 biljun f'self u f'għotjiet biex issaħħaħ ir-reżiljenza tagħha, inkluż l-appoġġ baġitarju, l-assistenza makrofinanzjarja u l-għajjnuna u l-assistenza umanitarja; billi l-assistenza makrofinanzjarja żdiedet b'EUR 145 miljun, u laqgħet total ta' EUR 295 miljun, li se jikkonsisti f'EUR 220 miljun f'self u EUR 75 miljun f'għotjiet; billi permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, ġew allokati EUR 47 miljun biex jiġu estżi l-forzi armati Moldovani u jiġu pprovduti b'taġħmir mhux letali, jappoġġjaw is-servizzi mediċi, battaljun tal-inġinerija u kapaċitajiet imtejba għad-difiża ċibernetika;
- J. billi fl-24 ta' April 2023, l-UE stabbiliet il-Missjoni ta' Sħubija fil-Moldova fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni, bl-objettiv li titejjeb ir-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà fil-ġestjoni tal-kriżijiet, fit-treddid ibridu u fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin;
- K. billi fil-31 ta' Mejju 2023, l-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-UE u dawk Moldovani ffirmaw dikjarazzjoni konġunta aġevolata mill-Kummissjoni biex b'mod volontarju mill-1 ta' Jannar 2024 inaqqsu t-tariffi tar-roaming sabiex iċ-ċittadini Moldovani jkunu jistgħu jagħmlu roaming qishom qegħdin f'pajjiżhom; billi fl-1 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni adottat proposta biex ir-roaming jiġi inkorporat fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova;
- L. billi fl-1 ta' Ġunju 2023, ir-Repubblika tal-Moldova ospitat is-Summit tal-Komunità Politika Ewropea f'Chisinau, u b'hekk uriet il-pożizzjoni pro-Ewropea ambizzjuża u rizzoluta tagħha;
- M. billi fid-19 ta' Ġunju 2023, il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Moldova ddikjarat li l-Partit Şor mhuwiex kostituzzjonali u xoljitu;
- N. billi fit-28 ta' Ġunju 2023, Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni, ippreżentat pakkett ta' appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova bil-għan li jindirizza l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi l-pakkett jiffoka fuq ħames prijoritajiet: l-aġvolat tal-iżvilupp ekonomiku u l-konnettività, l-appoġġ għar-riformi, l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, it-titjib tas-sigurtà u t-titjib tal-komunikazzjoni strateġika;

- E. billi fl-20 ta' Lulju 2023, l-UE tat estensjoni oħra ta' sena, sal-24 ta' Lulju 2024, tas-suspensjoni temporanja tagħha tat-tariffi u tas-sistemi tal-prezzijiet ta' dħul li għadhom applikabbli għal ċerti prodotti agrikoli Moldovani;
- P. billi fit-18 ta' Settembru 2023, il-Moldova ssieħbet fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili bħala Stat parteċipanti;
1. Jinsab f' solidarjetà mal-poplu tar-Repubblika tal-Moldova matul dan il-perjodu diffiċli u jtenni l-appoġġ sod tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova; jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi ripetuti tar-Russja li tiddestabilizza r-Repubblika tal-Moldova, il-gvern u s-soċjetà tagħha, inkluż permezz tal-użu ta' mezzi ibridi, l-użu tal-provvisti tal-enerġija bħala armi, il-ksur ripetut tal-ispazju tal-ajru tagħha, il-kampanji ta' diżinformazzjoni, il-protesti organizzati u t-theddida tal-użu tal-forza;
 2. Jilqa' l-appoġġ popolari wiesa' fir-Repubblika tal-Moldova għall-integrazzjoni Ewropea tagħha, kif muri fl-aktar sħarriġ reċenti tal-opinjoni pubblika u kif osservat fl-Assemblea Nazzjonali tal-Moldova Ewropea fil-21 ta' Mejju 2023, fejn aktar minn 80 000 persuna nġabru fil-Pjazza tal-Assemblea Nazzjonali l-Kbira f' Chişinău biex jesprimu l-appoġġ tagħhom għall-futur Ewropew tal-Moldova;
 3. Jitlob li l-awtoritajiet Russi jirrispettaw l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova u jwaqqfu l-provokazzjonijiet u t-tentattivi tagħhom li jiddestabilizzaw il-pajjiż;
 4. Jilqa' l-kundanna ċara tal-awtoritajiet Moldovani tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jilqa' l-wegħda tal-gvern li jallinja mal-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja; jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Moldova fl-implimentazzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet u tipprovdi appoġġ biex ittaffi kwalunkwe konsegwenza negattiva; jilqa' s-solidarjetà kontinwa tal-Moldova mal-persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li l-Moldova ssieħbet fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili bħala Stat parteċipanti;
 5. Jirrikonoxxi l-isforzi tat-tmexxija attwali tar-Repubblika tal-Moldova biex tibda riformi fundamentali li huma kruċjali għall-integrazzjoni Ewropea li jmiss tal-pajjiż; jilqa' r-reżiljenza u d-determinazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova u tal-poplu tagħha, minkejja l-isfidi ppreżentati mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u jfaħħar l-isforzi bla heda tagħhom biex jagħtu spinta lill-ekonomija, li reġgħet bdiet tikber wara r-reċessjoni tal-2022 ikkawżata mill-gwerra, mill-inflazzjoni, mill-kriżi tal-enerġija u minn nixfa qawwija;
 6. Jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tiegħu għas-sħubija tar-Repubblika tal-Moldova fl-Unjoni Ewropea; jemmen li din se tikkostitwixxi investiment ġeostrateġiku f' Ewropa magħquda u b'saħħitha; jirrikonoxxi l-progress tal-gvern f' termini ta' riformi u livell ta' allinjament mal-acquis tal-UE u jinkoraġġih iżid il-ħidma lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva;
 7. Jistenna bil-ħerqa t-twettiq mir-Repubblika tal-Moldova tad-disa' passi identifikati fl-

opinjoni tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-twettiq ta' dawn il-passi bħala parti mill-pakkett ta' tkabbir tal-2023; jistenna li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod pożittiv it-twettiq tal-passi mill-Moldova; jitlob lill-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tal-14 u t-15 ta' Diċembru 2023, jadotta d-deċiżjoni li jinfetħu n-negożjati għall-adeżjoni mar-Repubblika tal-Moldova, sabiex ikunu jistgħu jibdedu qabel tmiem l-2023;

8. Jilqa' l-isforzi ulterjuri tal-awtoritajiet Moldovani biex jagħmlu progress fl-aġenda għal riforma u d-determinazzjoni tagħhom li jissodisfaw id-disa' passi identifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni, kif ikkonfermat mill-Kummissarju għat-Tkabbir fl-aġġornament orali tiegħu lill-Kunsill; ifakkar li l-Kummissjoni diġà tqis tliet passi bħala ssodisfati (2, 8 u 9) u li kien hemm progress sinifikanti fi tliet passi oħra (1, 4, 7); ihegġegħ lir-Repubblika tal-Moldova tkompli b'mod determinat bl-aġenda għal riforma tagħha dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni (bħall-adozzjoni tagħha tal-liġi dwar l-informaturi, id-delineazzjoni ulterjuri tagħha tal-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni kontra l-Korruzzjoni u ċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, u l-adozzjoni tal-liġi li daqt se titlesta tagħha dwar miżuri investigattivi speċjali), il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (bħat-traspożizzjoni tagħha tal-ħames Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus², il-fatt li r-rakkomandazzjonijiet ta' Moneyval saru effettivi mill-1 ta' Lulju 2023 u se jiġu segwiti minn leġislazzjoni sekondarja, u l-iżvilupp tal-konfiska ċivili għadu għaddej) u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (bħall-adozzjoni tagħha tal-istrateġija għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika għall-2023-2026 u ż-żidiet fis-salarju fl-amministrazzjoni pubblika ċentrali);
9. Itenni l-appell tiegħu għal interazzjoni innovattiva, komplementari u flessibbli bejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-proċess ta' negożjar ta' adeżjoni, li tippermetti l-integrazzjoni gradwali tar-Repubblika tal-Moldova fis-suq uniku tal-UE, ibbażata fuq pjan ta' azzjoni prijoritarju u programmi settorjali rilevanti u li tipprovdi aċċess għall-fondi rilevanti tal-UE, li jippermetti liċ-ċittadini Moldovani jibbenefikaw mill-benefiċċji tal-adeżjoni matul il-proċess kollu u mhux biss meta dan ikun tlesta; jilqa' l-ftehim li jassoċja lir-Repubblika tal-Moldova mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ffirmat fid-9 ta' Mejju 2023 u l-ftehim dwar il-parteciżipazzjoni tagħha fil-programm tas-suq uniku tal-UE, iffirmat fit-8 ta' Settembru 2023;
10. Jirrikonoxxi l-importanza tal-pakkett ta' appoġġ komprensiv tal-UE, li minn Ottubru 2021 mmobilizza aktar minn EUR 1,2 biljun f'self u għotjiet biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Moldova; jilqa' ż-żieda ta' EUR 145 miljun fl-assistenza makrofinanzjarja allokata lir-Repubblika tal-Moldova, li twassal biex it-total tagħha jkun ta' EUR 295 miljun; jappella għal żborż malajr tal-allokkazzjoni addizzjonali matul l-2023; jistieden lill-Kummissjoni tiżborża malajr il-pagamenti li jifdal tal-assistenza makrofinanzjarja li għaddejja għar-Repubblika tal-Moldova;
11. Jilqa' l-pakkett ta' appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova, kif ippreżentat mill-President tal-Kummissjoni, li għandu l-għan li jgħin biex jimmitiga l-effetti negattivi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna billi jsaħħaħ ir-reżiljenza, is-sigurtà, l-ekonomija u l-provvisti tal-enerġija tal-pajjiż u billi jappoġġja t-triq tal-adeżjoni tiegħu mal-UE;

² Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43).

12. Jistieden lill-Kummissjoni fl-2023 tidentifika aktar fondi għar-Repubblika tal-Moldova fir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali; jitlob li tingħata assistenza finanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova primarjament fil-forma ta' appoġġ baġitarju dirett; jisħaq fuq l-importanza li r-Repubblika tal-Moldova tiġi pprovduta b' aċċess għall-istrumenti finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni tal-UE mill-aktar fis possibbli, inkluż billi jiġi pprovdut appoġġ biex il-pajjiż jitħejja b' mod adegwat biex isir l-aħjar użu mill-fondi ta' qabel l-adeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta biex tirrevedi r-Regolament tal-IPA III³ kif xieraq hekk kif ikun fattibbli, inkluża proposta biex jiżded biżżejjed il-baġit globali tal-IPA III; jisħaq fuq is-sinifikat li jiġu żgurati sinerġiji bejn il-programmi tal-UE u rizzorsi ulterjuri pprovduti mill-UE u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, l-Istati Membri, u donaturi oħra;
13. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tinħoloq faċilità ddedikata għall-Ukrajna biex tappoġġja l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż; jinnota li l-allokkazzjoni ppjanata li tilħaq sa EUR 50 biljun għall-faċilità bejn l-2024 u l-2027 kemm għall-għotjiet kif ukoll għas-self se tissostitwixxi l-appoġġ ippjanat għall-Ukrajna fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali; jitlob li l-appoġġ bilaterali kollu għall-Ukrajna previst fl-NDICI-Ewropa Globali jiġi dirett mill-ġdid lejn ir-Repubblika tal-Moldova, bħala pajjiż kandidat tal-UE għar tal-Ukrajna li bata l-aktar mill-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna;
14. Ifakkar fil-pass trasformattiv rapidu tar-riformi ekonomiċi li bdiet ir-Repubblika tal-Moldova, inkluż it-tmexxija ta' proċess ta' deregolamentazzjoni enormi għall-ekonomija tagħha, it-tnaqqis tal-burokrazija u l-limitazzjoni tal-burokrazija, filwaqt li jitħaffef il-pass tat-trasformazzjoni diġitali, sabiex tittejjeb il-klima tan-negozju tal-Moldova u jsir aktar faċli li jsir negozju fil-Moldova; ifaħħar l-isforzi tal-Moldova biex issaħħaħ is-settur tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju tagħha permezz ta' aċċess b'ħeffa u sempliċi għall-finanzjament, programmi ta' appoġġ għall-intraprendituri u politiki favur l-investiment biex ittejjeb il-fiduċja fin-negozju, tnaqqas l-ekonomija informali, toħloq l-impjiegi, issaħħaħ it-tkabbir u tagħti spinta lill-kummerċ u lill-investiment;
15. Ifakkar li s-sinerġiji kummerċjali bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-UE huma sinifikanti, u jikkostitwixxu kważi nofs il-kummerċ tal-Moldova s-sena l-oħra, b'aktar minn 58 % tal-esportazzjonijiet tagħha jispiċċaw f' pajjiżi tal-UE;
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Moldova biex itejbu r-reżiljenza tal-pajjiż għat-theddid ibridu sabiex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni; jilqa' l-istabbiliment tal-Missjoni ta' Sħubija tal-UE fil-Moldova fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet Moldovani jsaħħu l-komunikazzjonijiet strateġiċi mal-popolazzjoni Moldovana, inkluż fir-reġjun tat-Transnistria tar-Repubblika tal-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji rilevanti kollha tal-UE, ladarba jibdew in-negozjati futuri dwar l-adeżjoni mal-UE, iħejju għal attakki negattivi fuq l-ambjent u d-diżinformazzjoni promossi minn varjetà wiesgħa ta' għodod Russi ta' diżinformazzjoni u ta' gwerra ibrida, li qed jintużaw

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1).

b' mod kostanti fir-Repubblika tal-Moldova u fir-reġjun;

17. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jstabilixxi reġim ġdid ta' sanzjonijiet, fid-dawl ta' azzjonijiet li jdestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova, immirati lejn dawk l-azzjonijiet ta' appoġġ jew ta' implimentazzjoni li jimminaw jew jheddu s-sovranità, l-indipendenza jew l-ordni kostituzzjonali tagħha, li jippermetti li jiġu mmirati tali persuni maħruba bħal Vladimir Plahotniuc u Ilan Şor u li l-assi magħrufa tagħhom fl-UE jiġu ffriżati; jilqa' d-deċiżjoni sussegwenti tal-Kunsill li jimponi miżuri restrittivi fuq Ilan Şor skont dan ir-reġim il-ġdid ta' miżuri restrittivi; jistieden ukoll lill-Istati u t-territorji ospitanti rispettivi biex jestraddixxu lil Ilan Şor u lil Vladimir Plahotniuc biex jitrejssqu l-Qorti fir-Repubblika tal-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill isaħħu l-politika mmirata lejn l-entitajiet legali u l-individwi li jippruvaw ifixklu jew jimminaw il-proċess politiku demokratiku tar-Repubblika tal-Moldova;
18. Jilqa' t-tiġdid u l-espansjoni tal-liberalizzazzjoni temporanja biex tiġi appoġġjata l-ekonomija tal-Moldova billi tingħata kwoti annwali ta' tariffi mingħajr dazju biex tegħleb it-telf tas-swieq tal-esportazzjoni tagħha fir-Russja, il-Belarusja u l-Ukrajna; jappella lill-UE tiegħu passi rapidi u sinifikanti lejn il-liberalizzazzjoni permanenti tal-kwoti tar-rati tariffarji tagħha sabiex tiżgura l-prevedibbiltà u żżid l-attrazzjoni tal-pajjiż fuq terminu medju u twil għall-investituri, kif mitlub mill-Gvern Moldovan; jinnota li, peress li l-agrikoltura hija settur ekonomiku ewlieni għar-Repubblika tal-Moldova, il-miżuri msemmija hawn fuq għandhom ikunu akkumpanjati wkoll minn appoġġ għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola tal-Moldova;
19. Jilqa' d-dikjarazzjoni konġunta tal-31 ta' Mejju 2023 mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-UE u dawk Moldovani li tħabbar it-tnaqqis volontarju tat-tariffi tar-roaming mill-1 ta' Jannar 2024; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li r-roaming jiġi inkorporat fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova u fiż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva u għalhekk jitlob li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jiġi emendat malajr biex jippermetti li ċ-ċittadini Moldovani jkunu jistgħu jagħmlu roaming qishom qegħdin f'pajjiżhom mill-aktar fiss possibbli;
20. Jitlob lill-UE u lill-istituzzjonijiet tagħha jkomplu jappoġġjaw l-isforzi tar-Repubblika tal-Moldova biex timmodernizza s-sistema ta' pagamenti tagħha sabiex tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-integrazzjoni fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro;
21. Jistieden lill-Kummissjoni tħaffef l-integrazzjoni fl-UE tal-Moldova billi tinkorpora l-pajjiż fi strumenti, aġenziji u programmi tal-UE, bħall-programm Ewropa diġitali, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, l-Akkwist Konġunt tal-UE ta' mekkaniżmu ta' kontromiżuri mediċi, DiscoverEU, il-programm għall-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali, il-programm dwar iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri, il-programm Erasmus+ u l-programm dwar il-ġustizzja;
22. Jikkundanna r-rikatt enerġetiku kontinwu tar-Russja u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tar-Repubblika tal-Moldova biex iżżid is-sigurtà tal-enerġija tagħha billi tiddiversifika s-sorsi tal-provvista, tnaqqas il-konsum u tixtri l-enerġija fis-suq Ewropew u tiżviluppa l-infrastruttura tal-interkonnnettività, kif ukoll għall-azzjonijiet tagħha biex tiproteġi liċ-ċittadini tagħha permezz ta' pjan ta' kumpens għall-aktar

gruppi vulnerabbli permezz tal-Fond għall-Vulnerabbiltà Enerġetika; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġjaw lir-Repubblika tal-Moldova fil-kisba tal-indipendenza enerġetika, inkluż billi jżidu l-kapaċità ta' ġenerazzjoni, il-konnettività u d-diversifikazzjoni tagħha, u jattiraw l-investment f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li jiżguraw is-sostenibbiltà ambjentali u jstinkaw lejn in-newtralità karbonika, f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Moldova;

23. Jesprimi t-tama li l-istatus ta' kandidat tal-UE li għandha r-Repubblika tal-Moldova u t-taħditiet futuri dwar l-adeżjoni mal-UE se jgħinu biex jiżdied l-għadd ta' studenti mill-Istati Membri tal-UE li jmorru fil-Moldova u l-istudenti Moldovani li jmorru f'universitajiet Ewropej u madwar id-dinja u sussegwentement jirritornaw lura f'pajjiżhom sabiex tinkiseb il-"kisba ta' mhuġ" meħtieġa biex tissaħħaħ l-ekonomija lokali, kif ukoll jissaħħaħ l-iskambju akkademiku; jistieden lill-Kummissjoni tippermetti lill-entitajiet edukattivi Moldovani, lill-persunal akkademiku u lill-istudenti, kif ukoll liż-żgħażaġh b'mod ġenerali, jipparteċipaw f'inizjattivi akkademiċi, kulturali u edukattivi appoġġjati u ffinanzjati mill-UE;
24. Jilqa' l-inizjattivi kollha mis-soċjetà ċivili fir-Repubblika tal-Moldova u mill-komunità internazzjonali biex jiġu appoġġjati l-integrità u r-riforma ġudizzjarja fil-pajjiż, b'mod partikolari dawk l-isforzi li jagħmlu lill-pubbliku ġenerali konxju mill-impatt pożittiv li ġudikatura indipendenti, kompetenti u effiċjenti għandha fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;
25. Iħeġġeġ l-organizzazzjoni ta' laqgħat parlamentari bilaterali bejn il-parlamenti tal-Istati Membri u l-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll bejn il-Kummissjoni u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova, u jirrakkomanda li jiġu kkunsidrati modi biex jitmexxa 'l quddiem il-mument li fih l-osservaturi mir-Repubblika tal-Moldova jistgħu jieħdu s-siġġijiet tagħhom fil-Parlament, bħal billi jorbtuh mal-għeluq tan-negożjati dwar clusters speċifiċi; jesprimi r-rieda tiegħu li jikkontribwixxi għall-appoġġ u t-tiżiħ tad-demokrazija parlamentari fir-Repubblika tal-Moldova, inkluż permezz tad-Djalogu Jean Monnet, meta jkun xieraq għall-kuntest domestiku tagħha; jitlob f'dan ir-rigward li jitqies it-tiżiħ tal-kooperazzjoni ta' kuljum bejn il-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova u l-Parlament Ewropew billi tiġi stabbilita l-preżenza permanenti tal-persunal fil-parlamenti ta' xulxin, li tista' tinvolvi l-ħatra ta' rappreżentant permanenti tal-Parlament Ewropew fil-Parlament Moldovan u l-istedina lill-Parlament Moldovan biex jaħtar rappreżentant permanenti fi Brussell; jemmen li deċiżjoni bħal din tkun sinjal proattiv li l-UE u l-Moldova qed jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet attwali bejniethom u se jsaħħu l-iskambji ta' informazzjoni, l-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti u t-taħditiet futuri dwar l-adeżjoni mal-UE;
26. Ifakkar li l-konsolidazzjoni tal-kapaċità amministrattiva tar-Repubblika tal-Moldova hija rekwiżit ewlieni stabbilit fl-opinjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2022; jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u minħabba l-isfidi u l-istatus tar-Repubblika tal-Moldova bħala pajjiż kandidat tal-UE, tkompli żżid il-kapaċità tal-persunal tagħha li tittratta u tappoġġja l-proċess ta' adeżjoni għar-Repubblika tal-Moldova, kemm fi Brussell kif ukoll f'Chisinau, u tistabbilixxi unità ddedikata għar-Repubblika tal-Moldova fid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir (DG NEAR);

27. Jagħti iStruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova u lill-Federazzjoni Russa.